MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 34

IT-TLIETA 26 TA' LULJU 2011 FIT-3.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 33 li saret fit-12 ta' Lulju 2011 ittieħdu bħala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għall-proġett ta' manutenzjoni tal-flats tal-Gvern. Hija nfurmat li din il-ġimgħa se tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet. Hija nfurmat ukoll li l-Amministratur tal-Blokk C4 irriżenja u li r-residenti ġew avżati biex jaħtru ieħor minfloku.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivana Clarissa Schembri attendiet għall-program "Intact Summer School in Strasbourg". Ġiet diskussa wkoll il-problema dwar il-biljetti ta' l-ajru peress li l-iskrivana ma ġietx infurmata bħall-oħrajn bil-proċedura biex dawn jinxtraw. Il-Kunsill talab li jiġi identifikat min kien responsabbli ta' dan in-nuqqas.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti ta' l-aħħar laqgħa. Hija fakkret li minn din l-iskeda kienu ġew ikkanċellati żewġ pagamenti tal-Kuntrattur Twish peress li dawn ma kienux iċċertifikati mill-Contract Manager. Hija qalet li wara li ċċekjat l-invoices l-oħra rriżulta li kien hemm diversi oħrajn li wkoll ma ġewx iċċertifikati w għalhekk il-pagament għadu ma sarx. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li nitolbu lill-Contract Manager jagħti bil-miktub spjegazzjoni għaliex ma ċċertifikax dawn is-servizzi/xogħlijiet.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-computer inxtara u ġie approvat il-pagament tiegħu.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

v Il-Kunsill iddiskuta l-każ tal-Contract Manager. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti staqsa lill-Viċi Sindku bħala ċ-Chairperson tas-Sotto Kumitat tat-Tindif x'jaħseb dwar din il-materja. Il-Viċl Sindku A. Farrugia qal li fl-opinjoni tiegħu is-Sur Portelli għandu jitkeċċa. Il-Kunsillier E. Muscat, bħala membru ta' l-istess Kumitat, qal li hu jissekonda din il-proposta. Huwa qal ukoll li l-Contract Manager aġixxa ħażin anke għall-fatt li kellu problema ma kuntrattur wieħed u miegħu weħlu l-kuntratturi kollha. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li invista ta' dan il-Viċi Sindku għandu javviċina lis-Sur Portelli u jitolbu jirtira dak kollu li qal u jitlob skuża lill-Kunsill kollu. Huwa kompla li jekk dan jonqos li jagħmel hekk il-Viċi Sindku għandu jressaq mozzjoni b'dak li ppropona biex b'hekk jiġi tterminat il-Kuntratt tiegħu.

Il-Viċi Sindku qal ukoll li meta tkellem l-iskrivana A. Micallef din qaltlu li s-Sindku u s-Segretarju qegħdin jaqbdu mal-Contract Manager. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju iddeploraw dan.

Is-Sindku qalet li deċiżjoni bħal din għandu jerfa' ir-responsabbilta' tagħha l-Kunsill kollu. Hija qalet li l-fatt li huwa pprova joskura l-Kunsill b'affarijiet li ma kienux minnhom mal-Ministru u l-Awditur Ġenerali huwa nuqqas gravi ħafna speċjalment meta hija personali kienet kellmitu u qaltlu li mhux jaġixxi sewwa. Hija qalet ukoll li huwa kompla kabbar l-affarijiet u saħansitra bagħat ittra bl-avukat meta dan ma kellux raġun u nġibditlu l-attenzjoni diversi drabi minnha personali.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li l-Avukat tal-Kunsill għandu jikteb uffiċjalment lill-Contract Manager u jitolbu jwettaq immedjatament l-obligi tiegħu, jirtira l-akkużi li huwa għamel kif ukoll jitlob skuża bil-miktub lis-Sindku, lis-Segretarju Eħekuttiv u l-Kunsill kollu. Il-Kunsill qabel ukoll li dan għandu jingħata ġimgħa (7 ijiem) ċans u f'każ li jonqos li jagħmel dan il-kuntratt tiegħu jiġi tterminat.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku qrat l-ittra tal-WasteServ Malta dwar id-depożitu ta' skart domestiku fl-Impjant ta' Sant Antnin. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li din il-bidla ma tinvolviex spejjes addizzjonali.

ii Dwar it-talba tal-Link Ltd biex issir un/loading quddiem il-Marina Business Centre ġie deċiż li din it-talba tintbgħat lit-TM.

iii Is-Sindku tat l-aħħar rendikont dwar il-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali. Hija nfurmat li l-Kuntratt tal-Gwardjani Lokali reġa' ingħata lill-Kumpanija Guard & Warden.

Is-Sindku nfurmat li s-sistema ta' l-Infurzar Lokali se taqa' taħt ir-responsabbilta' tar-Reġjun mill-1 Ta' Settembru 2011.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li xi jiem ilu kien hemm artiklu fl-Independent dwar miljuni ta' flejjes li huma unaccounted for fil-Kumitati Konġunti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li s-Sindku tkellem lill-Authorised Officer dwar dan.

iv Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill bl-ittra tad-DLG b'risposta għat-talba tal-Kunsill biex il-mobile tas-Segretarju Eżekuttiv jibqa' jintuża. Hija qalet li t-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt jagħlaq fl-aħħar ta' Awissu 2011 u l-Go ma jistgħux jitterminawh qabel.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunillier E. Muscat nforma l-Kunsill li t-TM se tagħmel ir-resurfacing, inkluż is-servizzi u xogħlijiet ta' bankini, fi Triq il-Prinċipessa Margerita u Triq Abate Rigord (in-naħa ta' l-Imsida).

ii Il-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe ippreżentaw lista ta' ilmenti u suġġerimenti.

iii Il-Kunsillier F. Roe rrapporta li għamel email lill-Enemalta biex jinqala' l-arblu temporanju li hemm fi Triq Abate Rigord (quddiem il-Marina Business Centre) biex ikun jista' jitwaħħal il-bus shelter. Huwa qal li mill-Customer Care Unit tal-Kunsill ilhom isiru rapporti dwar dan iżda s'issa għada ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 23 ta' Awissu 2011 fit-3.30p.m.**

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv